## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 160/2018

**Il-Pulizija**

**vs**

**Renald Micallef**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2019.

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Renald Micallef, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 560775M, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Ottubru, 2017 f'dawn il-Ġzejjer: 1) naqas milli jagħti lil Rachelle Micallef, is-somma, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal uliedu u/jew martu fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha titħallas is-somma; u 2) naqas li jobdi l-ordni tal-Pulizija, meta avzat bil-fomm jew b'avviz bil-miktub sabiex jattendi l-Ghassa tal-

Pulizija jew f'xi post iehor indikat mill-Pulizija sabiex jipprezenta d-dokumenti meħtieġa mill-istess Pulizija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-26 ta' Marzu, 2018 li biha sabet lill-imsemmi imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għal ġimgħa detenzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Renald Micallef, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-3 ta' April, 2018, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma u tvarja s-sentenzi appellati billi:

1. Filwaqt li tikkonfermahom in kwantu sabet lill-appellanti ħati ta' kull akkuża dedotta kontrih għax-xhur t' Awwissu 2017, Settembru 2017, Ottubru 2017 u Novembru 2017;
2. Tiddikjara li in vista taċ-ċirkostanzi u l-fattispecie tal-każijiet, kif ukoll in vista tal-fatt li l-kawżi kollha nstemgħu flimkien u kontestwalment, dawn kellhom u għandhom jitqiesu bħala każ wieħed (1) fejn għandu japplika l-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali;
3. Konsegwentement tirriforma u tvarja il-piena erogata fil-konfront tal-appellant għal waħda aktar idoneja u miti fiċ-ċirkostanzi bl-applikazzjoni tal-istess Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali;
4. Alternattivament u mingħajr pregudizzju għat-talbiet preċedenti, f'każ li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li għandha tikkonferma in toto is-sentenzi mogħtija mill-ewwel Onorabbli Qorti u l-ħtija fil-konfront tal-appellant għal kull każ b'mod individwali, skond l-istess proċedura li mxiet biha l-ewwel Onorabbli Qorti u li għalihom ngħatat piena speċifika għal kull każ individwali, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi piena, għal kull każ, li tkun waħda aktar miti, ekwa u ġusta tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każijiet odjerni;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell limitat għall-piena erogata mill-Ewwel Qorti dwar l-ewwel imputazzjoni. L-appellant kien misjub hati ta' zewg imputazzjonijiet izda ressaq lanjanza biss dwar l-ewwel wahda bl- aggravju singolari mqanqal mill-argument illi peress li l-appellant kellu tlett kawzi simili fl-istess seduta u dawn instemgħu kontestwalment, l-ewwel Qorti kellha tapplika l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 kwantu l-piena għaliex l-kawzi flimkien kellhom jitqiesu bħala reat kontinwat bil-konsegwenza li kellu jinghata piena inferjuri ghal-dik fil-fatt kominata;

2. Huwa ormai prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza illi din il-Qorti, *qua* Qorti ta' Appell, ma tiddisturbax id-diskrezzjoni eżerċitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm ma jkun hemm xejn x'jiddemostra li din ma kienitx fil-parametri tal-liġi u kellha tkun anqas jew aktar minn dik fil-fatt kominata. L-aggravju tal-appellant iqanqal id-diskussjoni dwar jekk il-piena kominata hix fil-parametri tal-ligi jew le minhabba li l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 ghandu l-effett li jirriduci l-piena billi tinghata piena wahda ghal-diversi reati li tista' tizdied bi grad jew tnejn;

3. L-artikolu 18 tal-Kapitou 9 jiddisponi hekk:

**18. Meta d-diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zmienijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi jew disposizzjonijiet relatati tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejha reat kontinwat, izda l-piena tista' tizdied minn grad sa zewg gradi**.

4. Huwa minnu illi ghal fini ta' pratticita' l-ewwel Qorti semgħet l-erba' ċitazzjonijiet kontestwalment. Dan, izda ma jbiddilx is-sitwazzjoni li kien hemm erba' ċitazzjonijiet separati u distinti u mhux waħda, igifieri kien hemm citazzjoni ghal kull fatt imputat u mhux diversi atti migbura flimkien f'citazzjoni wahda. L-appellant kien mitlub iwiegeb ghal kontravenzjoni ravvizata taħt l-artikolu 338(z) tal-Kap 9. Issa, skond l-artikolu 341 tal-Kap 9 ukoll meta jkun hemm diversi kontravenzjonijiet fl-istess ċitazzjoni l-Qorti tista' tagħżel li tagħti piena għal kull waħda mill-kontravenzjonijiet. Anke l-artikolu 17 (c) jiddisponi illi persuna hatja ta' zewg kontravvenzjonijiet jew izjed tkun ikkundannata ghall-piena li hemm ghal kull kontravenzjoni. F'dan il-kaz inghata piena wahda ghal-ksur ta' zewg kontravvenzjonijiet;

5. L-artikolu 18 kien deskritt kemm il-darba minn din il-Qorti bhala funzjoni legali mahluq ghal-beneficcju tal-imputat, izda dan jibqa' dejjem privilegg tal-prosekuzzjoni u la darba l-prosekuzzjoni ghazlet illi tohrog *avvizo da comparire* ghall-kull okkazzjoni, ossia kull xahar, li l-appellant naqas milli jhallas il-manteniment minnu dovut, ma tistax Qorti tghazel illi tghaqqad l-erba avvizi flimkien. Isegwi għalhekk li l-Qorti tal-Maġistrati kienet korretta meta erogat piena separata għal kull ċitazzjoni li fihom dehret il-kontravenzjoni msemmija;

6. Fis-sottomissjonijiet orali, l-abbli difensur tal-appellant qanqal il-kwistjoni li ma jistghax ilahhaq mal-ammont ta' manteniment

iffissat mill-Qorti Civili. Dwar dan, izda, ma hemm l-ebda aggravju u konsegwentement din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' tali lanjanza;

7. Għal dawn ir-raġunijiet, filwaqt illi tichad it-tieni u t-tielet talba tar-rikors tal-appell, tilqa' l-ewwel u r-raba' talba u tirriforma s-sentenza appellata billi ikkonfermaha kwantu sejbien ta' htija, tirrevokaha f'dik il-parti li bihja kkundannat lill-appellant ghal gimgha detenzjoni u minflok tikkundannah ghal-canfira.